**8 ta' Jannar, 1964**

**Imħallef:**

**Onor. Dr. J. Flores B.L. Can., LL.D.**

Emanuele Filletti

*versus*

Dolores Filletti

**Separazzjoni Personali — adulterju — Imġieba laxxiva**

*F'Każ fejn il-Konvenuta hija adultera il-Qorti tqis ukoll l-imġieba ta' żewġha l-attur li għall-tlett darbiet kellu kunfidenzi permezz ta' tokkamenti biss ma ġuvintur u tkellem magħhom b'mod laxxiv.*

Il-Qorti: — Rat l-att taċ-ċitazzjoni li bih l-attur premess d-dikjarazzjonijiet kollha neċessarji u mogħtija l-provvedimenti kollha opportuni, premess illi l-konvenuta rrendiet ruħha ħatja ta' adulterju, inġurji gravi, theddid, u seviżji, premess illi għadha sallum tgħix ma raħel ieħor; premess illi l-attur ġie awtorizzat jipproċedi għal dina l-kawża b'digriet tas-Sekond'Awla ta' dina l-Qorti tad-9 ta' Marzu 1963, digriet numru 237/63 talab illi minħabba r-raġunijiet fuq esposti (a) tiġi pronunzjata minn-dina l-Qorti s-separazjoni personali bejn il-kontendenti u (b) jiġi dikjarat u deċiż li l-konvenuta ddekadiet mid-drittijiet spettanti lilha a tenur tal-Artikolu 56 u 668, 670, 564, 865, u 866 tal-Kodiċi Ċivili in kwantu applikabili għal każ; bl-ispejjes inklużi dawk tal-proċedura quddiem is-Sekond Awla ta' dina l-Qorti.

Rat id-dikjarazzjoni tal-attur;

Rat in-nota tal-eċċezzjonijiet li biha il konvenuta opponiet illi kien l-attur li ta' lok għas-separazjoni bejnithom u li konsegwentament tilef id-drittijiet kollha fuq martu minħabba sevizi, inġurji gravi, adulterju u moħqrija; salvi eċċezzjonijiet oħra kompriza dik li l-attur ma jistax jagħmel din l-azjoni stante li ma ġietx esibita kopja taddegriet li awtorizzah jaġixxi.

Rat . . . omissis . . .

Ikkunsidrat:

Għalkemm l-attur ma eżibix maċ-ċitazjoni kopja taddegriet tas-'Sekond' Awla ta' dik il-Qorti huwa eżibih matul il-kawża, u d-difensur tal-konvenuta ddikjara li mhu se jeċċepixxi ebda nullita' dwar l-istanza.

Fil-meritu, irriżulta, mill-ammissjoni stess tal-konvenuta, illi hija ikkommettiet adulterju ma diversi irġiel fosthom ma wieħed li damet miegħu mas-sittax il-sena. Il-kontendenti ilhom miżżewġin, bla tfal, tnejn u għoxrin sena u sseparaw di fatto mal-ħames snin wara i-żwieġ.

Irriżulta illi l-attur għal ma tliet darbiet kellu kunfidenzi, permezz ta' tokkamenti biss, ma ġuvintur u tkellem magħhom b'mod laxxiv. Allavolja l-konvenuta hi adultera din il-kondotta tal-attur għandha titqies f'dil kawża.

Għalhekk:

Tilqa it-talbiet tal-attur billi tippronunzija s-separazjoni personali bejn il-kontendenti fuq l-adulterju tal-konvenuta u inġurja gravi da parti tal-attur, u tiddikjara ap-

plikabili kontra il-konvenuta d-dekadenzi komtemplati fl-Artikolu 56 tal-Kodiċi Ċivili min barra dik tas-sub inċiż (b) ta' l-istess artikolu. L-ispejjes jitħallsu ħdax il-parti min erbgħatax (11/14) mill-konvenuta u il-kumplament mill-attur.